

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tat-18 ta' Marzu 2015 – DK vs SEAE(Kawża F-27/14) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Persunal tas-SEAE — Uffiċjal — Proċedura dixxiplinari — Tneħħija mill-pożizzjoni mingħajr tnaqqis tad-drittijiet għall-pensjoni — Artikolu 25 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal — Proċeduri kriminali pendenti — Identikità tal-fatti ppreżentati lill-Awtorità tal-Ħatra u lill-qorti kriminali)

(2015/C 146/60)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: DK (rappreżentant: S. Orlandi, avukat)

Konvenut: Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) (rappreżentanti: S. Marquardt u M. Silva, aġenti)

Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li permezz tagħha r-rikorrent tneħħa mill-pożizzjoni mingħajr tnaqqis tad-drittijiet tiegħu għall-pensjoni, b'effett mill-1 ta' Frar 2014, fi tmiem proċedura dixxiplinari mibdija wara li r-rikorrent ġie akkużat mill-awtoritajiet nazzjonali bi frodi fil-kuntest tal-kuntratti pubbliċi Ewropej, falsifikazzjoni ta' dokumenti u użu ta' dokumenti ffalsifikati, ħasil tal-flus u korruzzjoni.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tas-16 ta' Jannar 2014 li permezz tagħha s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna neħħa lil DK mill-pożizzjoni tiegħu mingħajr tnaqqis tad-drittijiet tiegħu għall-pensjoni hija annullata.
- 2) Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat għall-ispejjeż kollha sostnuti minn DK.

⁽¹⁾ ĠU C 184, 16.06.2014, p. 43.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tat-18 ta' Marzu 2015 – Ribeiro Sinde Monteiro vs SEAE(Kawża F-51/14) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Persunal tal-EEAS — Uffiċjali — Promozzjoni — Artikoli 43 u 45(1) tar-Regolamenti tal-Persunal — Eżami komparattiv tal-merti tal-uffiċjali li jistgħu jiġu promossi kollha — Uffiċjali proposti mid-dipartimenti tal-EEAS u uffiċjali mhux proposti — Teħid inkunsiderazzjoni tar-rapporti ta' evalwazzjoni — Evalwazzjonijiet esklużivament litterali)

(2015/C 146/61)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Manuel Jaime Ribeiro Sinde Monteiro (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: inizjalment minn D. de Abreu Caldas, M. de Abreu Caldas u J.-N. Louis, avukati, sussegwentement minn J.-N. Louis, avukat)

Konvenut: Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (EEAS) (rappreżentanti: S. Marquardt u M. Silva, aġenti)

Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li r-rikorrent ma jiġix promoss fil-grad AST 3 għall-proċedura ta' promozzjoni 2013 u li jingħata kumpens għad-dannu morali allegatament subit.

Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, tad-9 ta' Ottubru 2013, li tistabbilixxi l-lista tal-uffiċjali promossi skont il-proċedura ta' promozzjoni 2013 hija annullata peress li isem ta' M. J. Ribeiro Sinde Monteiro ma huwiex inkluż fiha.*
- 2) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq il-kumplament tar-rikors.*
- 3) *Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat ibati l-ispejjeż sostnuti minn M. J. Ribeiro Sinde Monteiro*

⁽¹⁾ ĠU C 292, 1.9.2014, p. 62

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (Imħallef uniku) tal-24 ta' Marzu 2015 – Maggiulli vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-61/14) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Promozzjoni — Proċedura ta' promozzjoni 2013 — Deċiżjoni li ma tingħatax promozzjoni — Eżami komparattiv tal-merti)

(2015/C 146/62)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Carola Maggiulli (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: A. Salerno, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: C. Berardis-Kayser u G. Berscheid, aġenti)

Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li r-rikorrenti ma tiġix promossa għall-grad ta' AD13 taħt il-proċedura ta' promozzjoni 2013.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *C. Maggiulli għandha tbat l-ispejjeż tagħha u hija kkundannata tbat l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

⁽¹⁾ ĠU C 421, 24.11.2014, p. 61.